MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 16/2013

**Paul u Rose Marie konjugi Sultana**

**Vs**

**Marco u martu Anna Attard f'isimhom proprju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' LG Investments Ltd kif ukoll l-istess LG Investments Ltd ghal kull interess li jista' jkollha**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat prezentat mill-atturi fl-1 ta' Marzu 2013 li jaqra hekk:

1. Illi l-konvenuti huma debituri ta' l-atturi ghall-ammont ta' tnejn u disghin elf, disa' mija u tlieta u sebghin Ewro u tnejn u tmenin centezmu (€92,973.82) bhala parti minn bilanc akbar dovut ghal xoghlijiet ta' gebel u bjut li saru

fuq l-inkarigu tal-konvenuti fil-proprjeta' li tinsab fi Triq is-Salini, Marsalforn, Zebbug, Ghawdex. Illi dan l-ammont huwa VAT inkluz – statement dok A;

2. Illi inoltre l-konvenuti huma wkoll debituri ghall-ammont ta' tmintax-il elf sitt mija u tmienja u sittin Ewro u tmienja u sebghin centezmu (€18,668.78) VAT inkluza dovuti bhala sehem il-konvenuti pro rata ghal xoghlijiet li saru fil-partijiet komuni tal-proprjeta' fuq imsemmija – liema ammont jirrizulta mill-komputazzjoni tal-Perit Saviour Micallef annessa u markata bhala dok B;

3. Illi ghalhekk l-ammont totali li huwa dovut huwa mija u hdax-il elf u sitt mija u tnejn u erbghin Ewro u sittin centezmu (€111,642.60);

4. Illi ripetutament il-konvenuti naqsu milli jhallsu l-ammont dovut minkejja li gew debitament interpellati anke permezz ta' ittra ufficjali nru 166/2012, ittra ufficjali ohra numru 64/2013 u ohra 72/2013 – kopji annessi u markati bhala Dok C, D u E u kif ukoll saru diversi weghdiet da parti tal-konvenuti li dan l-ammont ser jithallas, izda inutilment u l-konvenuti baqghu inadempjenti;

5. Illi l-konvenuti m'ghandhom ebda eccezzjoni valida x'jaghtu skond il-ligi kif jirrizulta mill-anness affidavit ta' l-atturi hawn anness u markat bhala Dok F;

Ghaldaqstant l-atturi ghar-ragunijiet fuq premessi talbu lil din il-Qorti:

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenuti huma debituri ta' l-atturi ta' mija u hdax-il elf u sitt mija u tnejn u erbghin Ewro u sittin centezmu (€111,642.60);

2. Tordna lill-konvenuti sabiex ihallsu dan l-ammont

3. Tordna li l-kawza tinstema' bid-dispensa tas-smigh a tenur ta' l-artikolu 167(1)(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittri ufficjali 166/2012; 64/2013 u 72/2013 u bl-imghax, u bir-rizerva ta’ kull dritt fil-Ligi senjatament ghall-ammont dovut ghax-xoghlijiet li saru fil-partijiet komuni.

Il-konvenuti ngunti minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet taghha li permezz tieghu dan ir-rikors gie appuntat ghas-smiegh ghas-seduta tallum.

Rat li l-konvenuti gew debitament notifikati.

Rat li fis-seduta tallum il-konvenuti Marco u Anna Attard kemm f’isimhom proprju kif ukoll ghan-nom tal-kumpanija LG Investments Ltd ammettew it-talbiet attrici. Il-partijiet qablu li fis-sentenza jinghata provvediment fis-sens illi s-sentenza ma tigix esegwita qabel l-iskadenza ta’ sitt xhur mid-data taghha. Huma qablu li f’kaz illi wara l-iskadenza ta’ dawn is-sitt xhur il-konvenuti jkunu ghadhom ma hallsux l-ammont intier dovut skont is-sentenza, l-atturi jkunu awtorizzati li jesegwixxu t-titolu taghhom, b’dan illi huma l-ewwel ghandhom ifittxu li jithallsu mill-assi tal-kumpanija LG Investments Ltd u f’kaz li dawn l-assi ma jkunux sufficjenti sabiex jissodisfaw il-kreditu taghhom huma jkunu jistghu jesegwixxu t-titolu taghhom fuq l-assi personali ta’ Marco u Anna konjugi Attard. Il-partijiet qablu wkoll li ghandhom jiddekorru imghaxijiet kummercjali mid-data tax-xoghol sad-data tal-pagament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Billi fuq ammissjoni tal-konvenuti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat  jirrizultaw ippruvati.

Ghaldaqstant din il-qorti, fuq ammissjoni tal-konvenuti, qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici bil-mod kif gej u ghalhekk:

1. Tiddikjara li l-konvenuti huma debituri ta’ l-atturi fl-ammont ta’  mija u hdax-il elf u sitt mija u tnejn u erbghin Ewro u sittin centezmu (€111,642.60).

2. Tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex ihallsu l-ammont ta' mija u hdax-il elf u sitt mija u tnejn u erbghin Ewro u sittin centezmu (€111,642.60) lill-atturi.

Illi fuq talba tal-partijiet tordna li din is-sentenza ma tigix esegwita qabel l-iskadenza ta' sitt xhur mid-data tallum. F'kaz illi wara l-iskadenza ta' dawn is-sitt xhur il-konvenuti jkunu ghadhom ma hallsux l-ammont intier dovut skont is-sentenza, l-atturi jkunu awtorizzati li jesegwixxu t-titolu taghhom, b'dan illi huma l-ewwel ghandhom ifittxu li jithallsu mill-assi tal-kumpanija LG Investments Ltd u f'kaz li dawn l-assi ma jkunux sufficjenti sabiex jissodisfaw il-kreditu taghhom huma jkunu jistghu jesegwixxu t-titolu taghhom fuq l-assi personali ta' Marco u Anna konjugi Attard.

Bl-imghaxijiet kummercjali li ghandhom jiddekorru mid-data tax-xoghol sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali 166/2012; 64/2013 u 72/2013 a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------